MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 256/2011

**Rodlene Zarb (ID 70090M)**

**vs**

**Flower Power (Sales) Limited (C 13901)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta’ Marzu 2011, fejn intalab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta’ €957.56 (disa’ mija u sebgha u hamsin ewro u sitta u hamsin centezmu) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi, u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' €957.56 (disa' mija u sebgha u hamsin ewro u sitta u hamsin centezmu) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------